MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 874/2010

**L-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta**

***kontra***

**Island Ferry Three Company Limited (C-11944)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-16 ta` Settembru 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi ai termini tal-Att dwar l-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta) li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2010 l-Awtorita' rikorrenti assumiet id-drittijiet, poteri u obbligi tal-Awtorita' Marittima ta' Malta;*

*2. Illi l-kumpannija intimata Island Ferry Three Company Limited kienet il-proprjetarja tal-bastiment "Mecklenburg", gja' bil-port ta' registrazzjoni "Valletta", b'tul ta' 53 metru, hekk kif jidher mic-certifikat ta' registrazzjoni tal-bastiment anness bhala* ***Dok. TM1.*** *Il-bastiment inbiegh b'irkant taht l-awtorita' tal-Qorti nhar it-12 ta' Awissu, 2010 skont kif awtorizzat b'digriet tat-8 ta' Lulju, 2010 (****Dok. TM2****);*

*3. Illi meta kien ghadu proprjeta' tal-intimata, il-bastiment MV Mecklenburg thalla abbandunat gewwa Sliema Creek, fil-Port ta' Marsamxett, u fid-19 ta' Awissu, 2009 kien sahansitra thassar mir-Registru Merkantili Malti stante illi l-intimata naqset illi thallas drittijiet ta' registrazzjoni u li tipprezenta lill-Awtorita' rikorrenti certifikati mahruga minn classification society rikonoxxuta;*

*4. Illi in vista tal-abbandun tal-bastiment, nhar l-1 ta' Settembru, 2009 l-Awtorita' Marittima ta' Malta ddikjarat dan il-bastiment bhala "qieghed" ("laid up") ai termini tal-Artikli 34 u 35 tal-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta (illum l-Artikli 9 u 10 tal-Att Dwar Portijiet u Bastimenti, Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*5. Illi konsegwentement il-kumpannija Island Ferry Three Company Limited bdiet tinkorri drittijiet ghall-bastimenti qieghda (laid up dues) skont ir-Regolament 3(2) u t-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port (Avviz Legali 30 tal-1977 kif emendat) u prezentement l-intimata ghandha taghti total ta' elfejn sitt mija u sebgha u hamsin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€2,657.55) f'laid up dues, kif jidher mill-istatement u fatturi annessi (faxxikolu* ***Dok. TM3****);*

*6. Illi l-intimata ghandha wkoll taghti lir-Registru Merkantili fi hdan l-Awtorita' rikorrenti s-somma ta' €10,663.47 fi drittijiet ta' registrazzjoni (registration fees)*

*rigward il-bastiment imsemmi MV Mecklenburg (statement* ***Dok. TM4****), oltre €220 fi drittijiet ta' registrazzjoni rigward bastiment iehor appartenenti lir-rikorrenti l-MV Marie Georgette (korrispondenza u internal memo annessi* ***Dok. TM 5 u 6****);*

*7. Illi l-intimata ghandha wkoll thallas lill-Awtorita' rikorrenti s-somma ta' elf Euro (€1,000) rapprezentanti d-drittijiet pagabbli lill-Irkantatur Joseph Sammut fir-rigward tal-bejgh tal-bastiment Mecklenburg li sar taht l-awtorita' tal-Qorti kif fuq spjegat (****TM 7****);*

*8. Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi biex thallas l-ammonti minnha dovuti izda baqghet inadempjenti;*

*9. Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza ghall-hlas tas-somma totali ta' erbatax-il elf hames mija u wiehed u erbghin Euro u zewg centezmi (€14,541.02) konsistenti in kwantu ghal €10,663.47 fi drittijiet ta' registrazzjoni (registration fees) rigward il-bastiment MV Mecklenburg, €220 fi drittijiet ta' registrazzjoni rigward il-bastiment MV Marie Georgette, €2,657.55 fi drittijiet ghal bastiment qieghed (laid up dues) u elf Euro (€1000) fi drittijiet pagabbli lill-irkantatur kif fuq spjegat;*

*10. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-artiklu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) stante illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma tal-Awtorita' rikorrenti l-intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra l-hlas tal-imsemmi ammont.*

*Ghaldaqstant, l-awtorita' rikorrenti umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(i) Tisma' u tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*(ii) Tiddikjara li l-intimata Island Ferry Three Company Limited hija debitrici tal-Awtorita' rikorrenti fis-somma totali ta' erbatax-il elf hames mija u wiehed u erbghin Euro u zewg centezmi (€14,541.02) konsistenti in kwantu ghal €10,663.47 fi drittijiet ta' registrazzjoni (registration fees) rigward il-bastiment MV Mecklenburg, €220 fi drittijiet ta' registrazzjoni rigward il-bastiment MV Marie Georgette, €2,657.55 fi drittijiet ghal bastiment qieghed (laid up dues) u elf Euro (€1,000) fi drittijiet pagabbli lill-irkantatur kif fuq spjegat;*

*(iii) Tikkundanna lill-intimata Island Ferry Three Company Limited thallas lill-Awtorita' rikorrenti l-imsemmija somma ta' erbatax-il elf hames mija u wiehed u erbghin Euro u zewg centezmi (€14,541.02),*

*Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat nhar it-13 ta' Awissu, 2010 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Awtorita' attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-kumpannija konvenuta skond il-ligi.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li l-kumpannija konvenuta msejha sabiex tidher fl-udjenza tal-lum baqghet ma dehritx.

Qieset l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati.

Fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta, tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba u ghalhekk qeghda tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tiddikjara li l-kumpannija konvenuta hija debitrici tal-Awtorita' attrici fis-somma ta' erbatax-il elf hames mija u wiehed u erbghin Euro u zewg centezmi (€14,541.02) konsistenti in kwantu ghal €10,663.47 fi drittijiet ta' registrazzjoni (*registration fees*) rigward il-bastiment MV Mecklenburg, in kwantu ghal €220 fi drittijiet ta' registrazzjoni (*registration fees*) rigward il-bastiment MV Marie Georgette, in kwantu ghal €2,657.55 fi drittijiet ghal bastiment qieghed (*laid up dues*) u in kwantu ghal €1000 fi drittijiet pagabbli lill-irkantatur.**

**3. Tilqa` t-tielet talba u tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-Awtorita' attrici s-somma msemmija ta' erbatax-il elf hames mija u wiehed u erbghin Euro u zewg centezmi (€14,541.02).**

**4. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza nkluzi**

**dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat fit-13 ta’ Awissu, 2010 u l-imghax legali kif mitlub.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------